**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**
**MAGISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**L-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni**
**(Spettur Karl Roberts)**
**Vs**
**Abdorasik Hassan Adam**
**Hamad Yahya**
**Wuor Guot Khan**
**Bol Dagor**

**Illum 27 ta' Frar 2021**

**Il-Qorti**,

Rat l-akkuzi migjuba fil-konfront ta' **Abdorasik Hassan Adam,** iben Hasan Adam u Mariam Mohammed, imwieled Darfur, Sudan, nhar l-1 ta' Jannar 1993, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 19UU-036, **Hamad Yahya,** iben Yahya u Halima, imwieled Abu Srug, Sudan, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 19H-084, **Wuor Guot Khan,** iben Guot Khan u Mary, imwieled Bentiu, South Sudan, fit-13 ta' Marzu 1995, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 20A-032, u **Bol Dagor** iben Dagov u Mary Nyakuok imwieled Bentiu, South Sudan, fil-15 ta' Marzu 1997, u detentur tan-Numru tal-Pulizija 19XX-033, talli fis-26 ta' Frar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer:

1. Kellhom f'idejhom passaport mahrug minn Awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxu dan il-passaport lil persuna ohra jew ircevew passaport li gie ittrasferit lilhom minn persuna ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw li jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuni ohra, cioè dak digà imsemmi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta'l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni senjatament: (a) Passaporti li ntuzaw mill-imputati - Dok. "A"; (b) Il-*personal details forms* ta' l-imputati - Dok. "B"; (c) Il-fedini penali ta' l-imputati - Dok. "C"; (d) Stqarrijiet rilaxxati minn kull wiehed mill-imputati - Dok. "D"; u (e) Dikjarazzjonijiet ta'l-imputati dwar il-jedd tal-parir legali - Dok. "E";

Rat li l-imputati rregistraw ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghhom, liema ammissjoni giet ikkonfermata mill-istess imputati wara li l-Qorti a tenur ta' l-Artikolu 453(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, avzathom bil-konsegwenzi legali ta' dik l-ammissjoni w ikkoncedietilhom zmien bizzejjed biex jergghu jikkonsidraw t-twegiba taghhom u jergġħu lura minnha;

Semghat is-sottomissjonijiet dwar il-piena;

Ikkunsidrat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

L-imputati qed jigu akkuzati talli fis-26 ta' Frar 2021 u/jew fil-jiem, gimghat jew xhur ta' qabel din id-data gewwa dawn il-Gzejjer: (i) kellhom f'idejhom passaport mahrug minn Awtorità kompetenti, jew li, ittrasferixxu dan il-passaport lil persuna ohra jew ircevew passaport li gie ttrasferit lilhom minn persuna ohra u dan bi ksur ta' l-Artikolu 3 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta; (ii) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamlu uzu jew ittantaw li jaghmlu uzu minn passaport mahrug lil persuni ohra, cioè dak digà imsemmi u dan bi ksur ta' l-Artikolu 4 tal-Kap.61 tal-Ligijiet ta' Malta; u (iii) matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi taw prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta' fatti foloz lill-Ufficjal Principali ta' l-Immigrazzjoni u dan bi ksur ta' l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta.

L-imputati iddikjaraw li huma hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom u fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti ssibhom hatja ta' l-akkuzi hekk dedotti kontrihom.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fatt li l-imputati rregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, li kooperaw mal-Pulizija u li ghandhom fedina penali netta.

Ghaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kap. 61 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-Artikolu 32(1)(c) tal-Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti, filwaqt li ittenni li qed issib lill-imputati kollha hatja ta' l-akkuzi dedotti fil-konfront taghhom, tikkundanna lil kull wiehed minnhom ghal tmintax-il (18) xahar prigunerija, izda peress illi fil-fehma Taghha, partikolarment fid-dawl tal-fatt li l-imputati ikkollaboraw mal-Pulizija u rrregistraw ammissjoni fi stadju bikri tal-proceduri, hemm lok li t-terminu ta 'prigunerija hawn impost jigi sospiz, ai termini ta 'l-Artikolu 28A tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta 'Malta, tissosspendi t-terminu ta' tmintax-il (18) xahar prigunerija hawn impost ghal tliet (3) snin b'effett millum.

A tenur ta 'l-Artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta 'Malta, il-Qorti spjegat lill-imputati kollha bi kliem car ir-responsabilità taghhom taht l-Artikolu 28B tal-Kap. 9

tal-Ligijiet ta 'Malta jekk huma jikkommettu, matul il-perijodu operattiv ta 'din is-sentenza sospiza, reat li ghalih hemm piena ta 'prigunerija.

Il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta 'htija tikkundanna lill-imputati ihallsu l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti skond l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta 'Malta, stante li f'dawn il-proceduri ma kienx hemm il-hatra ta 'esperti jew periti.

**MAGISTRAT**

**DEPUTAT REGISTRATUR**